

Brussell, 16 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12876/25

ENV 846
ENER 443
IND 353
DELECT 131

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 493 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-eżerċizzju tas-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva (UE) 2015/2193 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi niġġiesa fl-arja minn impjanti tal-kombustjoni medji

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 493 final.

Mehmuż: COM(2025) 493 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.9.2025
COM(2025) 493 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-eżerċizzju tas-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni
skont id-Direttiva (UE) 2015/2193 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-
limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi niġġiesa fl-arja minn impjanti tal-
kombustjoni medji**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U

LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva (UE) 2015/2193 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi niġġiesa fl-arja minn impjanti tal-kombustjoni medji

1. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva (UE) 2015/2193⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 stabbiliet qafas regolatorju biex jiġu limitati l-emissjonijiet tad-diossidu tal-kubrit (SO₂), l-ossidi tan-nitroġenu (NO_x) u t-trab fl-arja mill-impjanti tal-kombustjoni medji. L-għan huwa li jitnaqqsu r-riskji relatati għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. Dik id-Direttiva tistabbilixxi wkoll ir-regoli għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-monossidu tal-karbonju (CO). L-Artikolu 13 ta' dik id-Direttiva jippermetti lill-Kummissjoni tadotta atti delegati biex tadatta d-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fil-punt 2 tal-Parti 2 tal-Anness III għall-progress xjentifiku u tekniku. L-Artikolu 14 jindirizza l-proċedura u l-kundizzjonijiet li skonthom il-Kummissjoni tingħata l-awtorità li tadotta atti delegati.

2. BAŻI LEGALI

Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva (UE) 2015/2193, fejn is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin mit-18 ta' Diċembru 2015 u li jirrikjedi lill-Kummissjoni tfassal rapport fir-rigward ta' dik id-delega tas-setgħa. Id-delega tas-setgħa tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni sa mhux iktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu. L-Artikolu 14(3) jgħid li d-delega tas-setgħa tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Il-Kummissjoni adottat ir-rapport preċedenti⁽²⁾ dwar l-eżerċizzju tad-delega tas-setgħa mogħtija lilha fir-rigward tad-Direttiva (UE) 2015/2193 fit-3 ta' Awwissu 2020. Hija rrapportat li ma kienet adottat l-ebda att delegat u stiednet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jjeħdu nota ta' dak ir-rapport.

3. EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA

Il-Kummissjoni tirrapporta li matul l-aħħar 5 snin (2020 – 2025), hija ma adottatx atti delegati minħabba (i) id-dati reċenti tal-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/2193 għal xi wħud mid-dispożizzjonijiet tagħha⁽³⁾; u (ii) in-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-progress tekniku u xjentifiku marbut mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punt 2 tal-Parti 2 tal-Anness III relatat

⁽¹⁾ ĠU L 313, 28.11.2015, p. 1.

⁽²⁾ eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52020DC0351.

⁽³⁾ Il-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva jridu jiġu rrispettati mill-1 ta' Jannar 2025 għall-impjanti eżistenti b'input termiku nominali aktar minn 5 MW u mill-1 ta' Jannar 2030 għall-impjanti b'input termiku nominali daqs jew aktar minn 1 MW u daqs jew inqas minn 5 MW.

mal-valutazzjoni tal-konformità tal-valuri tal-emissjonijiet imkejla mal-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet fil-każ ta' kejl kontinwu.

4. KONKLUŻJONI

Matul l-aħħar 5 snin (2020 – 2025), il-Kummissjoni ma eżerċitatx is-setgħat delegati mogħtija lilha skont id-Direttiva (UE) 2015/2193. Hija tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jieħdu nota ta' dan ir-rapport.